**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 130/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**U**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet, datat 30 ta' Marzu 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw ;**

1. Illi l-partijiet zzewgu fl- 10 ta' Mejju 2003, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Haz-Zabbar, u dan skont l-anness certifkat mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, datat 27 ta’ April 2015, in atti tan-nutar Dr. Malcolm Camilleri, u dan skont id-dokument esebiti u mmarkat bhala Dok. B;
4. Illi llum il-gurnata ma hemmx beda prospett li l-partijet jirrikonciljaw stante li ilhom ghal dal-ahhar 6 snin circa separati legalment, u madwar tmien snin, circa, separati de facto, minn xulxin. In oltre llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittura ffurmaw rabtiet ohrajn ma’ persuni ohrajn, u qatt aktar minn dak iz-zmien ma regghu ghexu flimkien;
5. Illi inoltre’ ma hemmx beda pendenza bejn il-partijiet rigward manteniment, u dan peress illi l-istess partijiet kienu reciprokament irrinunzjaw li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin, u dan skont l-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni sopra citat;
6. Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, ghal dal-ghan huma qed jaghtu struzzjoniiet kongunti lil avukat sottoskritt sabiex jirraprezentahom flimkien f’ dal-proceduri ta’ hall taz-zwieg.
7. In oltre, kull parti qed tipprezenta l-affidavit taghha rispettiv. Liema affidavit jinsabu esebiti u mmarkati Dok C, l-affidavit ta’ Angelo Dalli, u Dok D, li huwa l-affidavit ta’ CD;
8. Illi dal-fatti sopra citati, jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal- Kodici Civili Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, il-partijiet, umilment jitlobu lil din Onorabbli Qorti sabiex ;**

1. Tawtorizza u tipprununzja l-hall taz-zwieg bejn AB u CD, ccelebrat fl- 10 ta’ Mejju 2003, mahlul ai termini tal-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili ( Kap. 16).

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onroabbli Qorti, jidhirlha xieraq u opportun.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |